



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

14.12.2009

0071/2009

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ġlieda kontra l-kanser tas-sider fl-Unjoni Ewropea

Elizabeth Lynne, Michail Tremopoulos, Livia Járóka, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg

Data ta' skadenza: 25.3.2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġlieda kontra l-kanser tas-sider fl-Unjoni Ewropea

Il-Parlament Ewropew,

- Wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi 331,392 mara jiġu dijanostikati fl-Unjoni Ewropea kull sena,
 - B. billi l-kanser tas-sider huwa l-kawża ewlenija tal-mewt fin-nisa ta' bejn il-35 u d-59 sena, u 89,674 mara tmut bil-kanser tas-sider fl-UE kull sena
 - C. billi l-itteżjar mammografiku jista' jnaqqas l-imwiet mill-kanser tas-sider b'massimu ta' 35% fin-nisa bejn il-50 u u d-69 sena
- 1. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jintroduċu testijiet tas-sider fil-pajjiż kollu, skont il-linji gwida tal-UE.
- 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sentejn tippreżenta rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-itteżjar mammografiku fil-pajjiżi kollha tal-UE.
- 3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja studji dwar jekk it-testijiet humiex siewja għal nisa ta' aktar minn 69 sena u ta' anqas minn 50 sena.
- 4. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jipprovdu taqsimiet speċjalizzati multidixxiplinarji għas-sider, skont il-linji gwida tal-UE sal-2016, u lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport regolari ta' progress.
- 5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta statistika aġġornata u affidabbli dwar il-kanser tas-sider u sabiex tappoġġja l-iżvilupp tar-reġistri nazzjonali tal-kanser.
- 6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa protokoll ta' ċertifikazzjoni għal taqsimiet speċjalizzati tas-sider skont il-Linji Gwidi tal-UE sal-2011 u biex tipprovdi finanzjament adegwat għal dan.
- 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Parlamenti tal-Istati Membri.